MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 53/2003

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Carol Cutajar**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sebgha mija u erbgha u sebghin Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (LM1774.66,0), rapprezentanti bilanc ta' import ta' sitta u ghoxrin kambjala skaduti, accettati u ffirmati minha;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-1 ta' April tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datat l-1 ta' April tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' attrici qed tirriduci t-talba b'mija u ghaxar Liri Maltin (LM110);**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma kif ridotta ghal elf, sitt mija u erbgha u sittin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (LM1,664.66,0), bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------